Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,758, 28 ta' Diċembru, 2021
Taqsima B

A.L. 504 tal-2021

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2021 dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli tal-Enerġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli tal-Enerġija.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jistabbilixxu struttura regolatorja għall-ħruġ ta' garanziji ta' oriġini għal elettriku li jiġi prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew enerġija li tiġi prodotta minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija u, għall-finijiet li jiġu provduti lill-konsumaturi aħħarin is-sehem jew kwantità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'taħlita ta' enerġija tal-fornitur tal-enerġija u fl-enerġija fornuta lill-konsumaturi skont kuntratti kkummerċjalizzati b'referenza għall-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u biex jiġi żgurat li l-oriġini ta' elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija tkun tista' tiġi garantita skont kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunisll tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni).

Tifsir. Kap. 545. L.S. 545. 33. A.L. 503 tal-2021.

2. (1) Kemm-il darba ma jkunx meħtieġ xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, t-tifsir stabbilit taħt l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, taħt ir-Regolamenti dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u taħt ir-Regolamenti tal-2021 dwar il-Promozzjoni ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli għandu japplika.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 545.

"Att" tfisser l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma;

"detentur ta' garanzija ta' oriġini" tfisser il-persuna li għaliha l-garanzija ta' oriġini tkun inħarġet jew il-persuna li lilha tiġi trasferita;

"dikjarazzjoni ta' dritt" tfisser dikjarazzjoni li ssir lir-Regolatur fir-rigward tal-elettriku, jew enerġija li li hija s-suġġett tal-applikazzjoni għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini;

A.L. 505 tal-2021.

"fornitur tal-enerġija" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2021 dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, tal-Bijolikwidi u tal-Karburanti mill-Bijomassa;

"garanzija ta' oriġini" tfisser dokument elettroniku li jinħareġ mir-Regolatur li għandu l-unika funzjoni li jagħti evidenza lil konsumatur aħħari li sehem jew kwantità speċifika ta' elettriku ġie prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jew li sehem jew kwantità speċifika ta' enerġija ġiet prodotta minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija;

"klijent aħħari" tfisser persuna naturali jew ġuridika li tixtri l-enerġija għall-użu tagħha;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-enerġija;

"parti terza" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, li lilha tkun ġiet trasferita garanzija ta' oriġini mingħand id-detentur tal-garanzija ta' oriġini, maħruġa lil dan tal-aħħar f'dak li għandu x'jaqsam ma' elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli skont dawn ir-regolamenti, u li skont dik il-garanzija dik il-parti terza tkun tista' twettaq l-obbligi tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' produzzjoni u, jew provvista ta' elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jew enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli;

A.L. 505 tal-2021.

"produttur tal-enerġija" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2021 dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, tal-Bijolikwidi u tal-Karburanti mill-Bijomassa;

"Regolatur" tfisser ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kif imwaqqaf bl-artikolu 3 tal-Att;

Verżjoni Elettronika

"taħlita ta' enerġija residwa" tfisser it-taħlita tal-enerġija annwali totali għal Malta, minbarra s-sehemkopert mill-garanziji tal-oriġini kkanċellati.

Setgħat tar-Regolatur.

3. (1) Ir-Regolatur għandu joħroġ garanziji ta' oriġini lil produtturi tal-elettriku minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew lil produtturi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija, f'konformità mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda fejn l-elettriku jiġi ġġenerat minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja bl-użu ta' sorsi rinnovabbli tal-enerġija, tista' tinħareġ biss garanzija tal-oriġini waħda li tispeċifika ż-żewġ karatteristiċi.

(2) Ir-Regolatur għandu jissorvelja l-ħruġ, it-trasferiment u l-kanċellament ta' garanziji ta' oriġini.

(3) Ir-Regolatur għandu jkollu responsabbiltajiet ġeografiċi distinti minn xulxin u għandu jkun indipendenti minn attivitajiet ta' produzzjoni, kummerċ u provvista.

Validità ta' applikazzjonijiet.

4. (1) Applikazzjoni għal ħruġ ta' garanzija ta' oriġini għandha tkopri perjodu minn tal-inqas erba' (4) xhur.

(2) Ebda applikazzjoni ma tista' ssir mar-Regolatur għal ħruġ ta' garanzijia ta' oriġini fir-rigward ta' elettriku jew ta' enerġija ġġenerata barra minn Malta.

(3) Applikazzjoni għal ħruġ ta' garanzija ta' oriġini ma għandhiex tkun ikkunsidrata valida sakemm ir-Regolatur ma jkunx provdut:

(a) bl-informazzjoni kollha elenkata fl-Ewwel Skeda;

(b) b'dikjarazzjoni ta' dritt li tiġi sottomessa mill-applikant; u

(ċ) bi ħlas tad-dritt ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini li għandu jiġi mħallas lir-Regolatur skont ir-regolament 10.

(4) Dikjarazzjoni ta' dritt għandha tinkludi dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni li l-produttur tal-elettriku jew tal-enerġija hu intitolat għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini; u

(b) dikjarazzjoni li dik il-persuna qatt ma kienet issottomettiet u mhijiex biħsiebha tissottometti talba għal ħruġ

Verżjoni Elettronika

ta' garanzija ta' oriġini lil xi persuna oħra jew awtorità barra minn Malta fir-rigward tal-elettriku jew tal-enerġija li hija s-suġġett tal-applikazzjoni.

Determinazzjoni u għoti ta' garanziji ta' oriġini.

5. (1) Ir-Regolatur għandu jirrikonoxxi bil-miktub lill-applikant, permezz ta' riċevuta li tkun inħarġet fir-rigward ta' applikazzjoni valida fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data li fiha tkun ġiet riċevuta dik l-applikazzjoni.

(2) Ir-Regolatur għandu joħroġ garanzija ta' oriġini fir-rigward ta' elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew lil produtturi ta' enerġija li ġiet prodotta minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija filwaqt li tingħata importanza lil dan li ġej:

(a) tkun ġiet riċevuta l-applikazzjoni skont ir-regolament 4; u

(b) fejn ikun sodisfatt li l-elettriku li dwaru tkun qiegħda ssir l-applikazzjoni jkun prodott b'mod xieraq minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja; jew

(ċ) fejn ikun sodisfatt li l-enerġija li dwarha tkun qiegħda ssir l-applikazzjoni tkun prodotta b'mod xieraq minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija.

(3) Garanzija ta' oriġini għandha tinħareġ lill-persuna li tkun qiegħda tissottometti l-applikazzjoni jew lil dik il-persuna l-oħra kif jista' jkun indikat fl-applikazzjoni.

(4) Il-garanzija ta' oriġini għandha tinħareġ biss fir-rigward tal-elettriku jew tal-enerġija li għaliha tkun tirreferi t-talba li qiegħda ssir fl-applikazzjoni.

(5) Garanzija ta' oriġini maħruġa fir-rigward ta' elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija għandha tinħareġ fir-rigward ta' kull *megawatt* fis-siegħa (1MWh) ta' elettriku jew enerġija prodotti u dawk il-*megawatts* fis-siegħa għandhom jiġu mdawwra għall-eqreb *megawatt* fis-siegħa u ma għandhiex tinkludi enerġija kkunsmata għall-użu tal-impjant innifsu.

(6) Garanzija ta' oriġini:

(a) għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha elenkata fit-Tieni Skeda; u

(b) jista' jkun fiha kull informazzjoni oħra relatata hekk kif ir-Regolatur jista' jqis li tkun xierqa u adatta li jinkludi:

Verżjoni Elettronika

Iżda informazzjoni simplifikata tista' tkun speċifikata għall-garanziji ta' oriġini minn installazzjonijiet ta' inqas minn ħamsin kilowatt (50 kW).

(7) Fejn garanzija ta' oriġini tkun inħarġet skont dawn ir-regolamenti u fl-ebda waqt ma tkun ġiet revokata, ir-Regolatur ma għandu joħroġ ebda garanzija ta' oriġini oħra fir-rigward tal-istess elettriku jew enerġija li għaliha garanzija ta' oriġini tkun diġà nħarġet.

(8) Ir-Regolatur jista' jistabbilixxi limitu minimu ta' kapaċità meta jqis l-unità ta' enerġija tal-garanziji ta' oriġini.

(9) Ir-Regolatur għandu jdaħħal fis-seħħ mekkaniżmi adatti biex jiżguraw li l-garanziji ta' oriġini għandhom jinħarġu, jiġu trasferiti u jiġu kanċellati elettronikament, u jkunu preċiżi, affidabbli u reżistenti għall-frodi u għandu jiżgura li r-rekwiżiti imposti jikkonformaw mal-istandard CEN - EN 16325.

(10) Ir-Regolatur għandu jirrikonoxxi garanziji ta' oriġini maħruġa minn awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra esklużivament bħala prova tal-elementi msemmija fis-subregolament (2) tar-regolament 1 u fis-subregolament (6) b'referenza partikolari għat-Tieni Skeda, sakemm dawk il-garanziji ta' oriġini huma maħruġa skont liġijiet f'dawk l-Istati Membri li huma konformi mal-liġijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea. Ir-Regolatur jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi garanzija ta' oriġini biss meta jkollu dubji bbażati fuq raġunijiet sodi dwar il-preċiżjoni, l-affidabbiltà jew l-veraċità tagħha jew għal raġunijiet relatati mal-prevenzjoni ta' frodi u tali rifjut għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. Ir-Regolatur għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dak ir-rifjut u għandu jagħti raġunijiet motivati għad-deċiżjoni tiegħu.

(11) Ir-Regolatur ma għandux jirrikonoxxi garanziji ta' oriġini maħruġa minn pajjiż terz ħlief fejn l-Unjoni kkonkludiet ftehim ma' dak il-pajjiż terz dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' garanziji ta' oriġini maħruġa mill-Unjoni u sistemi kompatibbli ta' garanziji ta' oriġini stabbiliti f'dak il-pajjiż terz, u biss fejn ikun hemm importazzjoni jew esportazzjoni diretta tal-enerġija.

Applikazzjonijiet għas-sostituzzjoni ta' garanzija ta' oriġini.

6. (1) Detentur ta' garanzija ta' oriġini jista' jitlob lir-Regolatur permezz ta' applikazzjoni sottomessa lir-Regolatur biex jissostitwixxi l-garanzija ta' oriġini jekk:

(a) id-detentur tal-garanzija ta' oriġini jemmen li l-garanzija ta' oriġini jkun fiha informazzjoni mhux korretta; u

(b) l-applikazzjoni issir lir-Regolatur bil-miktub fi żmien

Verżjoni Elettronika

wieħed u għoxrin (21) ġurnata mid-data meta tkun inħarġet il-garanzija ta' oriġini.

(2) Applikazzjoni għas-sostituzzjoni ta' garanzija ta' oriġini għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) dikjarazzjoni tad-dettalji tal-garanzija ta' oriġini li d-detentur jemmen li mhumiex preċiżi; u

(b) l-għoti ta' kull informazzjoni neċessarja li ssostni dik it-talba.

(3) Ir-Regolatur għandu fi żmien erbgħin (40) ġurnata tax-xogħol mid-data meta jkun irċieva l-applikazzjoni, jiddeċiedi jekk sostituzzjoni jew xort'oħra għandhiex issir fir-rigward tal-garanzija ta' oriġini, filwaqt li jikkunsidra l-informazzjoni sottomessa lilu f'dan ir-rigward, u meta jagħmel dan ir-Regolatur għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu:

Iżda r-Regolatur jista' fejn iqis li jkun meħtieġ, jirrevoka l-garanzija ta' oriġini skont ir-regolament 8:

Iżda wkoll fi kwalunkwe każ imsemmi fis-subregolament (3), nuqqas min-naħa tar-Regolatur milli jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu ma għandux ifisser, bl-ebda mod, li sostituzzjoni tal-garanzija ta' oriġini eżistenti jew il-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini ġdida tkun ingħatat b'mod taċitu mir-Regolatur.

(4) Ir-Regolatur jista' jestendi l-perjodu ta' erbgħin (40) ġurnata tax-xogħol imsemmi fis-subregolament (3) għal perjodu ieħor ta' erbgħin (40) ġurnata tax-xogħol u meta jagħmel dan ir-Regolatur għandu jinforma lill-applikant bil-miktub b'dak il-perjodu estiż.

(5) Jekk ir-Regolatur jiddeċiedi li joħroġ sostituzzjoni għall-garanzija ta' oriġini hu għandu jagħmel dan mill-aktar fis possibbli. Ir-Regolatur għandu jinforma lid-detentur mill-aktar fis possibbli permezz ta' avviż bil-miktub jekk hu jiddeċiedi li ma jissostitwixxix il-garanzija ta' oriġini.

Applikazzjonijiet għat-trasferiment ta' garanziji ta' oriġini.

7. (1) Jekk detentur ta' garanzija ta' oriġini ma jibqax jopera l-impjant li għalih tirrelata l-garanzija, dak id-detentur jista' jitlob lir-Regolatur biex jittrasferrixxi l-garanzijata' oriġini lill-persuna li topera dak l-impjant permezz ta' applikazzjoni.

(2) Applikazzjoni għat-trasferiment ta' garanzija ta' oriġini għandha tkun valida jekk ikun fiha dan li ġej:

(a) id-dettalji tal-garanzija ta' oriġini li għaliha tkun

Verżjoni Elettronika

qiegħda ssir l-applikazzjoni għat-trasferiment; u

(b) id-dettalji tad-detentur eżistenti tal-garanzija ta' oriġini u tal-persuna li favuriha tkun qiegħda ssir l-applikazzjoni għat-trasferiment tal-garanzija ta' oriġini; u

(ċ) prova sodisfaċenti tal-kwistjonijiet imsemmija fis-subregolament (1):

Iżda dik l-applikazzjoni għandu jkollha magħha d-dritt tal-applikazzjoni applikabbli għat-trasferiment tal-garanzija ta' oriġini.

(3) Ir-Regolatur għandu meta jirċievi applikazzjoni valida għat-trasferiment ta' garanzija ta' oriġini, jemenda r-reġistru msemmi fir-regolament 9.

Revoka ta' garanzij ta' oriġini.

8. (1) Ir-Regolatur għandu jirrevoka garanzija ta' oriġini fejn hu:

(a) jiddeċiedi li l-garanzija ta' oriġini mhijiex preċiża;

(b) sodisfatt li l-informazzjoni provduta taħt ir-regolament 4 mhijiex preċiża f'xi ħaġa partikolari; u, jew

(ċ) sodisfatt xort'oħra li l-garanzija ta' oriġini ma kellhiex tinħareġ, mhijiex preċiża, jew inħarġet lil persuna żbaljata.

(2) Fejn ir-Regolatur jirrevoka garanzija ta' oriġini, hu għandu, meta jkun raġonevolment prattikabbli, jinforma bil-miktub lid-detentur tal-garanzija ta' oriġini eżistenti b'dik ir-revoka.

(3) Garanzija ta' oriġini li tkun ġiet revokata mir-Regolatur taħt il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) għandha tiġi trattata daqslikieku qatt ma kienet inħarġet u għall-fini tal-paragrafi (b) u (ċ) tas-subregolament (1), għandha tieqaf milli jkollha effett mid-data meta l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (2) tingħata mir-Regolatur.

Żamma ta' reġistri.

9. (1) Ir-Regolatur għandu jżomm reġistru, li jista' jkun f'forma elettronika, u li għandu jkun fih dan li ġej:

(a) dettalji tal-applikazzjoni li tkun ġiet riċevuta għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini kif ukoll dettalji tal-garanzija ta' oriġini maħruġa mir-Regolatur, inkluża d-data meta dik il-garanzjia kienet inħarġet;

(b) dettalji tad-detentur tal-garanzija ta' oriġini inklużi

Verżjoni Elettronika

dettalji ta' trasferimenti tagħha, jekk ikun hemm;

(ċ) is-sors jew sorsi ta' enerġija li minnhom l-elettriku jew l-enerġja tkun qiegħda tiġi prodotta u li għaliha tirreferi l-garanzija ta' oriġini;

(d) il-post fejn l-elettriku jew l-enerġija li għaliha tirreferi l-garanzija ta' oriġini, ġiet prodotta; u

(e) lista ta' dawk il-garanziji ta' oriġini li jkunu ġew revokati skont ir-regolament 8 inkluża d-data meta jkunu ġew revokati.

(2) Ir-Regolatur għandu, meta joħroġ garanziji ta' oriġini, jalloka numru uniku ta' referenza għal kull waħda.

(3) Ir-reġistru għandu jkun konklużiv fir-rigward jekk il-garanzija ta' oriġini teżistix u dwar il-persuna li hija d-detentriċi reġistrata tagħha.

Drittijiet għal applikazzjoni.

10. (1) Dritt li ma jitħallasx lura kif stabbilit fit-Tielet Skeda għandu jkun imħallas lir-Regolatur mill-applikant flimkien mal-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ, għas-sostituzzjoni jew għat-trasferiment ta' garanzija ta' oriġini.

(2) Ir-Regolatur ma għandux ikun meħtieġ jipproċessa applikazzjoni għall-ħruġ, għas-sostituzzjoni jew għat-trasferiment ta' garanzija ta' oriġini sakemm id-dritt għall-applikazzjoni li japplika f'dan ir-rigward ma jkunx ġie mħallas.

Użu u kanċellazzjoni tal-garanzija ta' oriġini.

11. (1) Għall-finijiet ta' dimostrazzjoni lill-klijenti finali s-sehem jew il-kwantità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'taħlita tal-enerġija tal-fornitur tal-enerġija u fl-enerġija fornuta lill-konsumaturi skont kuntratti kkummerċjalizzati b'referenza għall-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, garanzija ta' oriġini għandha tibqa' valida għal tnax (12)-il xahar wara l-produzzjoni tal-unità ta' enerġija rilevanti.

(2) Il-garanziji ta' oriġini kollha maħruġa skont dawn ir-regolamenti għal enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija li ma ġewx kanċellati, jiskadu mhux aktar tard minn tmintax (18)-il xahar wara l-produzzjoni tal-unità ta' enerġija.

(3) Garanziji ta' oriġini skaduti għal enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija għandhom jiġu inklużi mir-Regulatur fil-kalkolu tat-taħlita tal-enerġija residwa ta' Malta.

Verżjoni Elettronika

(4) Fejn fornitur tal-enerġija huwa meħtieġ li juri s-sehem jew il-kwantità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'taħlita tal-enerġijatiegħu għall-finijiet tal-partita 5 tal-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar l-Elettriku, huwa għandu jagħmel dan billi jużagaranziji ta' oriġini, ħlief: L.S. 545. 34.

(a) fir-rigward is-sehem ta' taħlita tal-enerġija tiegħu li tikkorrispondi għal offerti kummerċjali mingħajr segwitu, jekk hemm, li għalihom il-fornitur jista' juża t-taħlita residwa; jew

(b) fejn ebda garanzija ta' oriġini ma tinħareġ mir-Regolatur kif provdut mir-regolament 12.

(5) Meta jagħmlu l-iżvelar tagħhom dwar it-taħlita tal-enerġija tagħhom, fornituri jistgħu wkoll jagħmlu użu mill-garanziji ta' oriġini biex juru l-kwantità ta' elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja.

(6) Fornituri għandhom jużaw l-informazzjoni li tinsab fil-garanziji ta' oriġini biex juru konformità mar-rekwiżiti ta' kwalunkwe tikketta ekoloġika tal-Unjoni adottata bil-ħsieb li tippromwovi l-użu ta' enerġija rinnovabbli li ġejja minn installazzjonijiet ġodda.

(7) Għall-finijiet tal-iżvelar imsemmi fis-subregolamenti (4) sa (6), kumpaniji tal-enerġija għandhom jikkanċellaw garanziji ta' oriġini sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur wara t-tmiem tal-validità tal-garanzija ta'oriġini.

Garanziji ta' oriġini għal enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija li jirċievi appoġġ finanzjarju.

12. Ir-Regolatur ma għandu joħroġ ebda garanzija ta' oriġini lil produttur ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija li jirċievi appoġġ finanzjarju minn skema ta' appoġġ.

Tħassir.

13. Ir-Regolamenti dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u Elettriku, Tisħin u, jew Tkessiħ minn Sorsi Rinovabbli tal-Enerġija huma b'dawn imħassra.

Verżjoni Elettronika

L-EWWEL SKEDA
(regolament 4(3))

Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa ma' applikazzjoni għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini:

1. L-isem u l-indirizz, u jekk kumpanija, in-numru ta' reġistrazzjoni, tal-persuna li tkun qiegħda titlob il-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini.

2. Fejn l-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni ta' dritt meħtieġa taħt is-subregolament (4) tar-regolament 4 mhijiex l-istess persuna li qiegħda tagħmel it-talba, l-isem u l-indirizz tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni.

3. Kemm jekk il-persuna li qiegħda titlob il-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini tkun il-produttriċi tal-elettriku jew tal-enerġija li dwarha qiegħda tintalab il-garanzija ta' oriġini, kif ukoll jekk ma tkunx, l-isem u l-indirizz, u jekk kumpanija, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur.

4. Il-bidu u l-għeluq tal-perjodu kopert mill-garanzija ta' oriġini li għaliha ssir applikazzjoni.

5. Il-post fejn l-elettriku jew l-enerġija li fir-rigward tagħha qiegħda tintalab il-garanzija ta' oriġini hija prodotta, l-isem, jekk ikollu, tat-tip ta' impjant li jiġġenera u, jew jipproduċi l-elettriku jew l-enerġija, u d-data meta l-installazzjoni bdiet topera.

6. Il-kwantità ta' elettriku jew enerġija li fir-rigward tagħha qiegħda tintalab il-garanzija ta' oriġini, flimkien mal-kwantità totali ta' elettriku jew enerġija prodotta mill-impjant matul il-perjodu kopert mill-applikazzjoni.

7. Fejn elettriku li fir-rigward tiegħu applikazzjoni għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini tkun qiegħda tiġi sottomessa, ġie prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja:

(a) l-informazzjoni dwar l-impjant fir-rigward tal-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu mar-Regolamenti dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija;

(b) is-sors primarju ta' karburanti li minnhom l-elettriku ġie prodott;

(ċ) is-sħana skont il-proporzjon ta' enerġija tal-impjant; u

Verżjoni Elettronika

(d) l-ammont ta' sħana utli li tkun qiegħda tintuża matul il-perjodu li għalih qiegħda tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

8. Fejn enerġija li fir-rigward tagħhan qiegħda tiġi sottomessa applikazzjoni għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini ġiet prodotta minn sorsi rinnovabbli tal-enerġija:

(a) is-sors tal-enerġija li minnu ġiet prodatta l-enerġija; u

(b) il-kapaċitajiet netti tal-istallazzjoni ddikjarati, fir-rigward ta' kull sors ta' enerġija li minnhom ġiet prodotta l-enerġija.

9. Dik l-informazzjoni oħra li r-Regolatur jista', f'ċirkostanzi partikolari, ikun b'mod raġonevoli jeħtieġ:

(a) bil-għan li jiżgura l-eżattezza tal-informazzjoni meħtieġa taħt il-partiti 1 sa 8 ta' din l-Iskeda; jew

(b) biex tippermetti lir-Regolatur li jkun sodisfatt li kull elettriku jkun qiegħed jiġi prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja jew kull enerġija tkun qiegħda tiġi prodotta minn sorsi rinnovabbli ta' enerġija.

IT-TIENI SKEDA
(regolament 5(6))

Informazzjoni li għandu jkun hemm f'garanzija ta' oriġini:

1. L-isem u l-indirizz, u jekk kumpanija, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-persuna li lilha nħarġet il-garanzija ta' oriġini u jekk din hijiex relatata ma' elettriku, gass (inkluż l-idroġenu), jew ma' tisħin jew tkessiħ.

2. Id-data tal-ħruġ tal-garanzija ta' oriġini.

3. In-numru ta' referenza mogħti lill-garanzija ta' oriġini maħruġa mir-Regolatur u indikazzjoni li l-garanzija qiegħda tiġi maħruġa mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma ta' Malta.

4. Id-dati tal-bidu u l-għeluq tal-perjodu li għalih tirrelatal-garanzija ta' oriġini.

5. Il-post fejn l-elettriku jew l-enerġija li fir-rigward tagħha qiegħda tintalab il-garanzija ta' oriġini ġiet prodotta, l-isem tal-impjant, jekk ikollu, u d-data li fiha l-installazzjoni bdiet taħdem.

Verżjoni Elettronika

6. Il-kwantità totali ta' elettriku jew enerġija matul il-perjodu li għalih tirrelata l-garanzija ta' oriġini.

7. Is-sors jew sorsi tal-enerġija li minnhom ġie prodott l-elettriku jew l-enerġija.

8. Il-kapaċitajiet netti tal-istallazzjoni ddikjarati fir-rigward ta' kull sors ta' enerġijali minnha ġie prodott elettriku jew enerġija.

9. Fil-każ ta' elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja:

(a) l-inqas valur kalorifiku tas-sors ta' karburant li minnu ġie prodott l-elettriku;

(b) l-użu ta' sħana ġenerata flimkien mal-elettriku prodott matul il-perjodu li għalih inħarġet il-garanzija ta' oriġini;

(ċ) il-kwantità ta' elettriku minn koġenenerazzjoni b'effiċjenza għolja kalkulata skont l-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija;

(d) l-iffrankar primarju ta' enerġija skont il-paragrafu (b) tat-Tieni Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija;

(e) il-kwantità ta' karburant li minnu l-elettriku ġie prodott;

(f) l-ammont ta' sħana utilizzata matul il-perjodu li għalih tirrelata l-garanzija ta' oriġini;

(g) l-effiċjenza tal-enerġija miksuba;

(h) l-effiċjenza ġenerali miksuba;

(i) il-kwantità totali ta' elettriku ġenerat matul il-perjodu li għalih tirreferi l-garanzija ta' oriġini.

10. Fil-każ ta' garanzija ta' oriġini maħruġa fir-rigward ta' enerġija prodotta minn stallazzjonijiet ta' sorsi rinnovabbli tal-enerġija, dikjarazzjoni li l-istalazzjoni ma bbenefikatx minn appoġġ għall-investiment u li l-unità tal-enerġija ma tkunx ibbenefikat b'xi mod minn skema ta' appoġġ nazzjonali.

Verżjoni Elettronika

IT-TIELET SKEDA
(regolament 10)

Dritt għal applikazzjoni pagabbli

1. Applikazzjoni għall-ħruġ ta' garanzija ta' oriġini:

Id-dritt għal applikazzjoniapplikabbli għall-ħruġ ta' garanziji ta' oriġini hu ta' mija u ħamsa u sebgħin euro (€175).

2. Applikazzjoni għas-sostituzzjoni ta' garanzija ta' oriġini:

Id-dritt għal applikazzjoni applikabbli għas-sostituzzjoni ta' garanzija ta' oriġini fejn is-sostituzzjoni tkun meħtieġa minħabba nuqqas min-naħa tal-applikant hu ta' ħamsa u tmenin euro (€85).

3. Applikazzjoni għat-trasferiment ta' garanzija ta' oriġini:

Id-dritt għal applikazzjoni applikabbligħat-trasferiment ta' garanzija ta' oriġini hu ta' ħamsa u għoxrin euro (€25).

IR-RABA' SKEDA
Emendi konsegwenzjali għal leġiżlazzjoni oħra

LEĠIŻLAZZJONI	DISPOŻIZZJONI	FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma - Kap. 545	L-Ewwel Skeda	"Regolamenti dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u Sorsi Rinovabbli tal-Enerġija (L.S. 545.23)"	"Regolamenti dwar Garanziji ta' Oriġini ta' Elettriku minn Koġenerazzjoni b'Effiċjenza Għolja u ta' Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli tal-Enerġija (L.S. 545.23)"
